

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/553**tat-22 ta' Marzu 2017****dwar il-konsistenza tal-miri fl-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin tal-kapaċità u tal-kosteffiċjenza inklużi fil-pjan rivedut fil-livell tal-blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali ppreżentat skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 mill-Belġju, mill-Ġermanja, minn Franza, mil-Lussemburgu u min-Netherlands mal-miri tal-prestazzjoni fl-Unjoni kollha għat-tieni perjodu ta' referenza***(notifikata bid-dokument C(2017) 1798)***(It-testi bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bl-Olandiż biss huma awtentiċi)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jstabilixxi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3)(c) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jstabilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, l-Istati Membri għandhom jadottaw pjani nazzjonali jew pjani fil-livell tal-blokk tal-ispazju tal-ajru ("FAB"), inklużi miri nazzjonali vinkolanti jew miri fil-livell tal-FABs, li jiżguraw il-konsistenza mal-miri tal-prestazzjoni fl-Unjoni kollha. Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 jistipula wkoll li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konsistenza ta' dawk il-miri abbażi tal-kriterji tal-valutazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 11(6) ta' dak ir-Regolament. Regoli dettaljati f'dan ir-rigward ġew stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013.
- (2) Il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu u n-Netherlands, fir-rigward tal-Blokk tal-Ispace tal-Ajru Funzjonali tal-Ewropa Ċentrali ("FABEC"), ressqu l-pjan lill-Kummissjoni. Skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/347 ⁽³⁾, dawk l-Istati Membri rrevedew il-pjan u l-miri inklużi fih. Madankollu, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/259 ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni stabbiliet li l-miri tal-prestazzjoni riveduti dwar l-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin tal-kapaċità għall-FABEC inġenerali u tal-kosteffiċjenza għal Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands, kif ukoll il-miżuri xierqa inklużi fil-pjan rivedut, kienu għandhom mhux adegwati u li dawk l-Istati Membri għandhom jieħdu ċerti miżuri korrettivi li jwasslu għal aktar miri ta' prestazzjoni riveduti sabiex jindirizzaw l-inkonsistenzi mal-miri fl-Unjoni kollha.
- (3) Fit-30 ta' Jannar 2017, dawk l-Istati Membri ppreżentaw pjan rivedut ieħor, li kien jinkludi aktar miri ta' prestazzjoni riveduti, ibbażat fuq miżuri korrettivi fejn meħtieġ. Sussegwentement dawk il-miri riveduti u l-miżuri korrettivi ġew ivvalutati mill-Kummissjoni.
- (4) Fir-rigward tal-qasam ta' prestazzjoni ewlenin tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza ta' dawk għad-dewmien tal-Ġestjoni tal-Fluss tal-Traffiku tal-Ajru (ATFM) en route, skont il-prinċipju stabbilit fil-punt 4 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013, bl-użu tal-valuri ta' referenza għall-kapaċità tal-FABs rispettivi tagħhom, li meta jiġu applikati, jiżguraw li fil-livell tal-Unjoni tintlaħaq il-mira tal-prestazzjoni fl-Unjoni

⁽¹⁾ ĠUL 96, 31.3.2004, p. 1.⁽²⁾ ĠUL 128, 9.5.2013, p. 1.⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/347 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-inkonsistenza ta' ċerti miri fil-pjanijiet għall-blokk tal-ispazju tal-ajru nazzjonali jew funzjonali mressqa skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tieni perjodu ta' referenza u li tistabilixxi r-rakkomandazzjonijiet għar-reviżjoni ta' dawk il-miri (ĠUL 60, 4.3.2015, p. 48).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/259 tat-13 ta' Frar 2017 dwar ċerti miri tal-prestazzjoni riveduti u miżuri xierqa inklużi fil-pjanijiet għall-blokk tal-ispazju tal-ajru nazzjonali jew funzjonali mressqa skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li mhumiex adegwati skont il-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tieni perjodu ta' referenza u li tistabilixxi obbligi għal miżuri korrettivi (ĠUL 38, 15.2.2017, p. 76).

kollha, ikkalkulata mill-Maniġer tan-Netwerk u kif stabbilit fl-aktar verżjoni riċenti tal-Pjan tal-Operazzjonijiet tan-Netwerk (2014-2018/2019). Dik il-valutazzjoni wriet li dawk il-miri huma konsistenti mal-mira tal-prestazzjoni rilevanti fl-Unjoni kollha.

- (5) Dwar il-qasam ta' prestazzjoni ewlieni tal-kosteffiċjenza, ġew ivvalutati l-miri espressi fi spejjeż determinati għal kull unità en route, skont il-prinċipji stabbiliti fil-punt 5 b'mod konġunt mal-punt 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013, billi tqieset ix-xejra tal-ispejjeż determinati għal kull unità en route matul it-tieni perjodu ta' referenza u l-perjodu kombinat tal-ewwel u t-tieni perjodu ta' referenza (2012-2019), l-għadd ta' unitajiet ta' servizz (il-previżjoni tat-traffiku) u l-livell tal-ispejjeż determinati għal kull unità en route b'paragun ma' Stati Membri li jkollhom ambjent ekonomiku u operattiv simili. Dik il-valutazzjoni wriet li dawk il-miri huma konsistenti mal-mira tal-prestazzjoni rilevanti fl-Unjoni kollha.
- (6) Għalhekk, il-miżuri korrettivi meħuda mill-Belġju, mill-Ġermanja, minn Franza, mil-Lussemburgu u min-Netherlands fir-rigward tal-FABEC, huma konsistenti mad-Deċiżjoni (UE) 2017/259 u l-miri li jikkonċernaw l-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin tal-kapaċità u tal-kosteffiċjenza inklużi fil-pjan rivedut tal-prestazzjoni ppreżentat minn dawk l-Istati Membri huma konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni fl-Unjoni Ewropea kollha f'dawk l-oqsma għat-tieni perjodu ta' referenza (2015–2019). Huwa xieraq, għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' ċertezza legali, li dik il-konklużjoni tiġi stabbilita permezz ta' din id-Deċiżjoni u li l-Istati Membri kkonċernati jiġu nnotifikati dwar dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri li jikkonċernaw l-oqsma tal-prestazzjoni ewlenin tal-kapaċità u tal-kosteffiċjenza inklużi fil-pjani riveduti tal-prestazzjoni ppreżentati skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, elenkati f'dan l-Anness, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni fl-Unjoni kollha għat-tieni perjodu ta' referenza, stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/132/UE ⁽¹⁾.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika Franċiża, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu u lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2017.

Għall-Kummissjoni
Violeta BULC
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/132/UE tal-11 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-livelli limiti ta' twissija għat-tieni perjodu ta' referenza mill-2015 sal-2019 (ĠU L 71, 12.3.2014, p. 20).

ANNEX

Il-miri tal-prestazzjoni fl-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin tal-kapaċità u tal-kosteffiċjenza inklużi fil-pjani nazzjonali riveduti jew fil-pjani riveduti fil-livell tal-blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali ppreżentati skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 li nstabu li huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni fl-Unjoni kollha għat-tieni perjodu ta' referenza

Il-qasam ta' prestazzjoni ewlenin tal-kapaċità

Dewmien tal-Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru (ATFM) *en route* fminuti kull titjira

Stat membru	FAB	Mira tal-FAB tal-kapaċità <i>en-route</i>				
		2015	2016	2017	2018	2019
il-Belġju/il-Lussemburgu	FABEC	0,48	0,49	0,42	0,42	0,43
Franza						
il-Ġermanja						
in-Netherlands						
[l-Iżvizzera]						

Il-qasam ta' prestazzjoni ewlenin tal-kosteffiċjenza

Spjega:

Indi-katur	Entrata	Unitajiet
(A)	Total ta' Spejjeż Iddeterminati <i>En-route</i>	(f'termini nominali u fil-munita nazzjonali)
(B)	Rata tal-inflazzjoni	(%)
(C)	Indiċi tal-inflazzjoni	(100 = 2009)
(D)	Total ta' Spejjeż Iddeterminati <i>En-route</i>	(f'termini ta' prezzijiet reali tal-2009 u fil-munita nazzjonali)
(E)	Total ta' Unitajiet tas-Servizzi <i>En-route</i>	(TSUs)
(F)	Spiża Iddeterminata għal Kull Unità (DUC) <i>En-route</i>	(f'termini ta' prezzijiet reali tal-2009 u fil-munita nazzjonali)

FABEC

Żona tal-Imposti: il-Belġju-il-Lussemburgu — Munita: EUR

	2015	2016	2017	2018	2019
(A)	168 277 718	172 792 013	177 260 922	180 556 020	183 521 461
(B)	1,1 %	1,2 %	1,3 %	1,4 %	1,4 %
(C)	111,6	112,9	114,4	116,0	117,6
(D)	150 757 603	152 984 440	154 897 964	155 652 698	156 055 562
(E)	2 440 000	2 510 000	2 580 000	2 650 000	2 720 000
(F)	61,79	60,95	60,04	58,74	57,37

Żona tal-Imposti: Franza — Munita: EUR

	2015	2016	2017	2018	2019
(A)	1 290 640 175	1 296 576 851	1 328 676 964	1 334 112 339	1 337 956 806
(B)	0,1 %	0,8 %	1,1 %	1,1 %	1,3 %
(C)	108,2	109,1	110,3	111,5	113,0
(D)	1 192 625 922	1 188 249 284	1 204 538 004	1 196 187 863	1 184 005 999
(E)	18 662 000	19 177 000	19 300 000	20 204 000	20 333 000
(F)	63,91	61,96	62,41	59,21	58,23

Żona tal-Imposti: il-Ġermanja — Munita: EUR

	2015	2016	2017	2018	2019
(A)	1 069 142 223	1 039 587 943	933 436 977	927 369 907	922 283 254
(B)	1,4 %	1,6 %	1,7 %	1,7 %	1,7 %
(C)	109,9	111,7	113,6	115,5	117,5
(D)	972 517 385	930 742 228	821 735 846	802 748 084	784 999 985
(E)	12 801 000	13 057 000	13 122 000	13 242 000	13 365 000
(F)	75,97	71,28	62,62	60,62	58,74

Żona tal-Imposti: in-Netherlands — Munita: EUR

	2015	2016	2017	2018	2019
(A)	184 921 748	184 103 594	187 092 113	193 763 267	198 069 117
(B)	1,0 %	1,2 %	1,4 %	1,5 %	1,5 %
(C)	110,6	112,0	113,6	115,3	117,0
(D)	167 178 324	164 400 112	164 697 149	168 065 588	169 244 781
(E)	2 806 192	2 825 835	2 845 616	3 045 000	3 077 000
(F)	59,57	58,18	57,88	55,19	55,00